MALTA

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## ĠUDIKATUR DR.

## NADIA H. VELLA

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2014

Talba Numru. 142/2014

**Mobisle Communications Limited C24655**

**vs.**

**Nicolson Ruth Margaret K.I. 57653 (A)**

It-Tribunal

Ra l-**Avviż tat-Talba** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fit-3 ta’ Marzu 2014, li permezz tiegħu s-soċjeta′ attriċi talbet il-ħlas mingħand il-konvenuta tas-somma ta’ elf, ħames mija u wieħed u disgħin Ewro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€1591.67), in konnessjoni mas-servizzi ta’ komunikazzjoni bl-akkont numru *A/C 51119223* mogħtija mis-soċjeta′ attriċi lill-konvenuta.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenuta ġiet debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, hija ma kkontestatx il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma dehret għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta′ attriċi u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta′ attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta tħallas lis-soċjeta′ attriċi is-somma elf, ħames mija u wieħed u disgħin Ewro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€1591.67), bl-imgħax legali dekorribbli mid-data tal-ittra uffiċċjali fl-ismijiet premessi ppreżentata fit-23 ta' Awwissu 2013 u nnumerata 1984/13, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, inklużi tal-ittra uffiċċjali ċċitata, huma a kariku tal-konvenuta.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------